MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 1104/2006

**ZAKARIA DOWENA**
**SADIK AHMED BAXIR**
**HASAN AHMED MUHAMMED**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imutazzjonijiet migjuba kontra Zakaria Dowena, ta' 26 sena, bin Dowena u Asha, imwieled fis-Sudan fl-1980, residenti Safi Barracks, detentur tan-numru tal-pulizija 04Y010;
Sadik Ahmed Baxir, ta' 29 sena, bin Ahmed u Umhamis, imwieled fis-Sudan fl-1978, residenti Safi Barracks, detentur tan-numru tal-pulizija 04X016;
U Hasan Ahmed Muhammed, ta' 26 sena, bin Ahmed u Sude nee' Eldie, imwieled fis-Sudan fl-1980, residenti Safi Barracks, detentur tan-numru tal-pulizija 04K003;

Akkuzati talli fit-18 ta' Awwissu, 2006 bejn 18:00hrs sa 18:30hrs, f'Lyster Barracks, Hal-Far volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00), imma izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00);

U kif ukoll talli fl-istess data, lok, u hin kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati Zakaria Dowena, Sadik Ahmed Baxir, u Hasan Ahmed Muhammed hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriehom, izda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------